# Kwadru Pawlin f'Tas-Sliema

Kitba ta' Hose Borg

Dan il-kwadru ta' San Pawl, Appostlu tal-Ġnus, jinsab fil-knisja parrokkjali ta' San Girgor il-Kbir u huwa wieħed mix-xogħlijiet tal-pittur Emvin Cremona. Ta' min insemmu li dan il-kwadru sar fis-snin 50 tas-seklu 20 filwaqt li kien inawgurat eżattament f'Ottubru tas-sena 1959 u huwa wieħed minn 3 kwadri ewlenin, xogħol l-istess artist Cremona, li nsibu f'din il-knisja. Iż-żewġ kwadri l-oħra huma wieħed ta' Kristu Rxoxt u l-ieħor jirrappreżenta l-Madonna qed tadura l-Bambin Ġesù, fejn dan l-istess Bambin jintrama mal-kwadru mat-tribuna l-maġġura tal-knisja fi żmien il-festi tal-Milied filwaqt li naturalment il-kwadru ta' Kristu Rxoxt jintrama għall-festi tal-Għid filwaqt li l-kwadru ta' San Pawl jintrama għall-festa tiegħu nhar l-10 ta' Frar, jum il-festa liturġika tan-Nawfraġju ta' dan l-istess qaddis.

Il-kwadru nistgħu ngħidu li huwa magħmul sempliċi fejn naraw lil San Pawl f'ambjent kwiet fuq sfond iswed b'ħarsa ta' dehra ta' bniedem t'awtorità fejn f'dan il-kwadru narawh proprju bilqiegħda fuq tron bit-taraġ, xi ħaġa li nistgħu ngħidu ma tantx hija wisq komuni fi kwadri oħra. San Pawl jidher bilqiegħda bħalma ġa għedna bil-ktieb tal-Evanġelju bis-simbolu tas-salib fuqu, f'idu l-leminija, filwaqt li f'idu x-xellugija narawh iħaddan is-sejf, simbolu li juri li kien Ruman. San Pawl jidher ukoll liebes ilbies sempliċi b'mant aħmar fil-vjola fuq libsa bi sfond abjad li ta' min insemmi hija xi ħaġa oħra f'dan il-kwadru li tiddistingwih minn kwadri oħra għaliex normalment San Pawl dejjem narawh liebes mant aħmar fuq libsa ħadra bħalma naraw anke fi kwadri oħra kif ukoll fl-istatwi titulari rispettivi ta' San Pawl kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.



Ta' min wieħed ukoll jinnota d-dettalji rfinuti tal-pinzellati ta' Cremona b'mod speċjali fit-tikmix tal-qagħda tal-libsa. Ħaġ'oħra interessanti li ta' min wieħed jinnota hija l-forma tal-gwarniċun tal-kwadru kif inhu magħmul li huwa element xi ftit uniku wkoll. Ta' min insemmi wkoll li matul is-sena dan il-kwadru jiddendel fis-sagristija f'post ċentrali għall-qima.

Huwa kwadru relattivament sempliċi iżda fl-istess ħin b'valur artistiku kbir b'mod speċjali għal ċerti karatteristiċi uniċi li fih u li jiddistingwuh minn kwadri oħra filwaqt li jkompli jżejjen tempju sabiħ bi stil Romanesk iddedikat lill-Papa San Girgor il-Kbir, bi stil li ftit li xejn huwa komuni f'pajjiżna iżda li jkompli jgħaqqad katina m'oħra ta' ġawhra ta' knejjes artistiċi u arkitettoniċi li nsibu fil-Gżejjer Maltin.

